7 ta' Awissu, 1944

**Imħallef:**

**L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.**

**Baruni Joseph Victor Chapelle (*)**

*versus*

**Avv. Agostino Gauci Maistre et. ne.**

**Żwieġ — Forma — Nullità — Dritt Kanoniku.**

*Dak kollu li għandu x'jaqsam maċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ, mal-formazzjoni tal-vinkolu matrimonjali, u mal-konsistenza taż-żwieġ, fejn wieħed mill-kontraenti huwa persuna li tipprofessa r-reliġjon kattolika, huwa regolat fil-Gżejjer Tagħna mid-Dritt Kanoniku.*

*Żwieġ celebrat minn malti domiċiljat f'Malta, u li jipprofessa r-reliġjon kattolika, mingħajr il-formalitajiet preskritti mid-Dritt Ka-*

*noniku, kwantu kull meta jiġi ċelebrat fl-Ingilterra skond il-liġi ta' hemm.*

L-attur fit-taħrika qal li huwa mwieled u domiċiljat Malta, fejn ġie mgħammed fil-parroċċa taż-Żejtun fid-9 ta' Settembru 1891; li waqt il-permanenza tiegħu f'Lincoln, England, fejn kien qiegħed għal xi żmien, fit-3 ta' Novembru 1931 ikkuntratta żwieġ mal-konvenuta quddiem ir-"Registrar of Marriage in the District of Lincoln" mingħajr ma ġew osservati l-formalitajiet taż-żwieġ kattoliku skond il-Kodiċi Kanoniku; li l-konvenuta kienet allura tinsab miżżewġa ma' Robert Ruston Bennett, u kienet minnu divorzjata, u dan kien ukoll għadu ħaj; u li għalhekk is-sussistenza taż-żwieġ tal-konvenuta ma' persuna oħra kienet impediment għaż-żwieġ tiegħu magħha; u talab li, wara li jkunu premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, u previja d-dikjarazzjoni illi l-konvenuta fiż-żmien illi hija kkuntrattat iż-żwieġ tagħha miegħu kienet tinsab ġà miżżewġa ma' Robert Ruston Bennett, għalkemm minnu divorzjata, (1) iż-żwieġ kuntrattat minnu mal-konvenuta fit-3 ta' Novembru 1931 quddiem ir-"Registrar of Marriage in the District of Lincoln, England", jiġi dikjarat null u ta' ebda effett legali, (2) u konsegwentement il-konvenuta tiġi inibita milli tkompli tagħmel użu mill-kunjom tiegħu u mid-drittijiet u prerogattivi annessi ma' l-istess kunjom. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nomine;

*Omissis;*

Mill-provi jirriżulta li l-attur huwa mwieled u kien u għadu domiċiljat f'Malta, u jipprofessa r-reliġjon Kattolika. Mill-banda l-oħra jirriżulta li l-imħarrka qabel iż-żwieġ ma' l-attur kienet domiċiljata fl-Ingilterra, kienet tipprofessa r-reliġjon Protestanti u divorzjata bis-saħħa ta' sentenza tal-qorti kompetenti Ingliża li għaddiet ġudikat. Fis-sena 1931 l-attur mar apposta l-Ingilterra biex jiżżewweġ ma' l-imħarrka, u effettivament fit-3 ta' Novembru ta' dik is-sena huwa żżewwiġha ċivilment quddiem ir-Reġistratur taż-Żwiġijiet tad-Distrett ta' Lincoln (dok. fol. 5, 11 u 12), u ġiebha toqgħod miegħu

(*) Ara sentenza "Avv. Dr. Edgar Grima ne. vs. Baruni Joseph Chapelle et" tat-8 ta' Ottubru 1945 Prim'Awla (pubblikata).

hawn Malta fejn għà kellu l-ħsieb li jżomm id-domiċilju konjugali;

Bil-kawża kif lum l-attur qiegħed prinċipalment jitlob id-dikjarazzjoni tan-nullità ta' dak iż-żwieġ għal żewġ raġunijiet, il-waħda għax bħala kattoliku domiċiljat f'Malta huwa ma setax itejjeġ ċivilment, iżda kellu itejjeġ "coram parocho et duobus testibus" skond id-Dritt Kanoniku, u l-oħra għax l-imħarrka dak iż-żmien kellha l-impediment dirimenti tal-vinklu ta' matrimonju preċedenti;

Fuq l-ewwel kawżali l-Qorti tosserva li l-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Ingliżi tirritjeni illi l-forma taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ rikjesta għall-validità taċ-ċelebrazzjoni hija dik li tkun stabbilita mill-liġi ta' fejn issir iċ-ċelebrazzjoni, u li dik il-validità tibqa' igħodd u tiswa kullimkien, għalkemm il-liġi tad-domiċilju ta' dak li jkun tippreskrivi esklużivament forma oħra. Dik il-ġurisprudenza ġiet akkolta minn dil-Qorti diversament presjeduta almenu f'żewġ każi oħra, i.e. in re "Warrington vs. Carter ne.", 5. X. 1925, u in re "Vella vs Vella", 9. II. 40. Iżda dik it-teorija mhijiex aċċettabbli fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi fejn l-istat personali jiddependi minn liġi reliġjuża, kif jirrileva Cheshire fit-trattat tiegħu "Private International Law", fejn jgħid :— "............in those countries where status depends upon religious laws, as in Yugoslavia and Greece for persons of the Orthodox faith, and in Malta and Cyprus, a marriage contracted in disregard of the religious formalities of the domicil, no matter where solemnised, is not recognised as valid. For instance, a civil marriage contracted in London by a Roman Catholic domiciled in Malta is not recognised by Maltese Law..........." (p. 325, 2nd. Edit.);

Dina l-aħħar teorija hija konformi mat-tagħlim u l-opinjoni tal-Qorti ta' l-Appell ta' Malta fis-sentenza tat-18 ta' Novembru 1925 in re "Arthur Warrington vs. Elizabeth Carter nomine", li rriformat is-sentenza ta' dil-Qorti tal-5 ta' Ottubru 1925, li għà ssemmiet. F' taħbilhaqq, il-ġurisprudenza tal-Qrati Ingliżi u ta' Qrati stranjeri oħrajn li fehmuha bħalhom, evidentement hija bażata fuq il-fatt li ma jikkunsidrawx iż-żwieġ fejn l-imgħammdin bħala sagrament konformement għall-propożizzjoni numru 25 tal-XXXIX Articles tar-Reliġjon Protestant Ingliża, filwaqt li skond il-konċett taż-żwieġ tal-

kattoliċi, "inter baptizatos nequit *matrimonialis contractus* validus consistere quin sit eo ipso sacramentum" (Codex Juris Canonici, Can. 1012, § 2). Kif ġie diversi drabi affermat mill-Qrati Tagħna, dak kollu li għandu x'jaqsam maċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ, mal-formazzjoni tal-vinklu matrimonjali u mal-konsistenza taż-żwieġ, huwa regolat f'dawn il-Gżejjer mid-Dritt Kanoniku (ara Kollez. VIII—173, Col. 2a; XIII—87, col. 2a, 247 u 526; XVI—II—134; XXIV—II—497-498; XXV—I—141). Għaldaqstant, kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tat-18 ta' Novembru 1925 in re "Warrington vs. Carter nomine" gà msemmija, "se giusta la legge canonica nessun contratto di matrimonio è valido che non sia 'eo ipso sacramentum', la massima 'locus regit actum' in tanto può valere pei cattolici in genere, e per le persone di nazionalità maltese in ispecie, in quanto colla forma di celebrazione del matrimonio adoperata dagli sposi nel luogo di tale celebrazione possa aversi un contratto di matrimonio che sia nel contempo sacramento, non consentendo la 'individualitas contractus matrimonialis' che questo nelle condizioni dei contendenti possa generare tra costoro il vincolo matrimoniale anche quando colla forma di celebrazione adoperata non vi sia stato il sacramento del matrimonio". U tabilħaqq il-forma taċ-ċelebrazzjoni tinfluwixxi deċiżivament fuq l-essenza taż-żwieġ. Għaldaqstant għall-attur il-forma taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ bil-fors kellha tkun biex tgħodd u tiswa, konformi għal dak li tippreskrivi l-liġi tad-domiċilju tiegħu, li huwa wkoll id-domiċilju konjugali, jiġifieri konformi għad-Dritt Kanoniku, li jippreskrivi l-forma reliġjuża. Huwa ċertament perikoluż, għall-ordni tas-soċjetà, li l-liġi li tiddetermina l-istat personali ta' min ikun domiċiljat tagħna tkun tista' tiġi eluża hekk faċilment bil-konsegwenzi kollha b'sempliċi safra għal ftit granet, u forsi għal ftit sigħat, sabiex liġi diversa u barranija tillegalizza dak li huwa projbit assolutament mill-liġi tad-domiċilju. Għaldaqstant il-Qorti ma tistax tirrikonoxxi bħala validu ż-żwieġ ta' l-attur ma' l-imbarrka;

In vista ta' dak li ntqal, il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn tidħol fil-kwistjoni l-oħra tan-nullità taż-żwieġ minħabba l-impediment dirimenti tal-vinklu preċedenti ta' l-imbarrka—kwistjoni li aktarx hija tal-kompetenza tat-tribunal

Ekkležjastiku (ara sent. ta' din il-Qorti in re "Warrington vs. *Cremona ne.*" 24—11—1921, Kolez. XXI—II—498);

Għal dawn ir-raġunijiet, *u fis-sens li ntqal aktar 'il fuq*, il-Qorti tilqa' t-talbiet; iżda in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ u tan-natura tal-kwistjoni ġuridika, l-ispejjeż għandhom jibqgħu mingħajr taxxa, id-dritt tar-reġistru kontra l-imħarrka.